

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 2013

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda

(2013/525/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fuq talba tal-Irlanda, il-Kunsill ta' assistenza finanzjarja lill-Irlanda permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE ⁽²⁾ bħala sostenn għal programm ekonomiku u ta' riforma b'saħħtu biex terġa' tinkiseb il-fiduċja, bil-għan li l-ekonomija tmur lura għal sitwazzjoni ta' tkabbir sostenibbli, u bil-għan li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Irlanda, fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni temmet l-għaxar reviżjoni tal-programm ta' riforma ekonomika Irlandiża fl-10 ta' Lulju 2013.
- (3) Tenħtieġ estenzjoni qasira tal-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza finanzjarja biex din tkun tippermetti li ssir valutazzjoni komprensiva u intera tal-konformità tal-programm fil-qafas tar-reviżjoni finali b'diliġenza dovuta u biex tiżgura li d-deċiżjoni dwar ir-rilaxx tal-aħħar pagament tkun tista' tipproċedi f'waqtha.

- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-assistenza finanzjarja għandha tkun disponibbli għal tliet snin u xahrejn, li jibdev mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni."

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LINKEVIČIUS

⁽¹⁾ ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).